MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 561/2008

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Anthony Bonavia (ID 143371 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta’ sitt mija, tmienja u hamsin ewro u erbgha u disghin centezmu (€658.94) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu in-numru 2146 7589 (AC 10116149) skond kif jirrizulta mid-dokumenti IZY 1 u IZY 2, annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2008 mill-Avukat Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------